2026/2550

16.11.2026

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/2550

tas-16 ta' Novembu 2026

li jimplimenta r-Regolament (UE) 2019/796 dwar miżuri restrittivi kontra attakki ċibernetiċi li jheddu l-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/796 tas-17 ta' Mejju 2019 dwar miżuri restrittivi kontra attakki ċibernetiċi li jheddu lill-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 13(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-17 ta' Mejju 2019, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2019/796.

(2) Bħala parti mill-azzjoni sostnuta, imfassla u koordinata tal-Unjoni kontra atturi persistenti ta' theddid ċibernetiku, jenħtieġ li entità waħda tiżdied mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/796. Dik l-entità hija responsabbli għal attakki ċibernetiċi b'effett sinifikanti li jikkostitwixxu theddida esterna għall-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha, kif ukoll għal attakki ċibernetiċi b'effett sinifikanti kontra Stati terzi.

(3) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2019/796 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/796 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Novembru 2026.

Għall-Kunsill

Il-President

K. KALLAS

[1] ĠU L 129 I, 17.5.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/796/oj.

ANNESS

Fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/796, l-entrata li ġejja tiżdied taħt l-intestatura “B. Persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi”:

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
“12.	NoName057(16)	Psewdonimi: 05716nnm, Nnm05716, NoName057, NoName05716	NoName057(16) huwa grupp ta’ hackers favur ir-Russja li feġġ għall-ewwel darba f’Marzu 2022 u jieħu r-responsabbiltà għall-attakki ċibernetiċi fuq korpi governattivi, infrastruttura kritika, u kumpaniji privati tal-Ukrajna, tal-Istati Uniti tal-Amerka u tal-Istati Membri. NoName057(16) juża s-sett ta’ għodda DDoSia, li permezz tiegħu jwettaq attakki permezz ta’ ċaħda ta’ servizz (DDoS) billi ripetutament joħroġ talbiet għan-network lil siti web fil-mira. Wara dawk l-attakki, il-grupp jieħu r-responsabbiltà għal dawk l-attakki, jindirizza l-miri u joħroġ theddid fuq id-dark web jew permezz ta’ mezzi ta’ Telegram. NoName057(16) huwa involut f’attakki ċibernetiċi b’effett sinifikanti, li jikkostitwixxu theddida esterna għall-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha. NoName057(16) qiegħed fil-mira servizzi meħtieġa għaż-żamma ta’ attivitajiet soċjali jew ekonomiċi essenzjali u funzjonijiet kritiċi tal-Istati Membri, inkluż portali governattivi, servizzi tal-intelligence militari, partiti politiċi u kandidati waqt proċessi elettorali, is-settur industrijali u tal-enerġija, l-infrastruttura tat-trasport, il-faċilitajiet tal-provvista tal-ilma, il-banek, istituzzjonijiet finanzjarji u servizzi ta’ pagament online, u uffiċċji nazzjonali tal-posta. Għalhekk, NoName057(16) huwa responsabbli għal attakki ċibernetiċi b’effett sinifikanti li jikkostitwixxu theddida esterna għall-Istati Membri. NoName057(16) huwa responsabbli wkoll għal attakki ċibernetiċi b’effett sinifikanti kontra Stati terzi.	16.11.2026”.